DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2023/862

tal-25 ta' April 2023

li temenda d-Deċiżjoni 1999/70/KE dwar l-awdituri esterni tal-banek ċentrali nazzjonali, fir-rigward tal-awdituri esterni ta'Hrvatska narodna banka

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra l-Protokoll Nru 4 dwar l-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 27.1 tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew tas-7 ta' Marzu 2023 lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea dwar l-awdituri esterni ta' Hrvatska narodna banka (BĊE/2023/4) ([1]),

Billi:

(1) Il-kontijiet tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) u tal-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro għandhom jiġu awditjati minn awdituri esterni indipendenti rrakkomandati mill-Kunsill Governattiv tal-BĊE u approvati mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.

(2) Mill-1 ta' Jannar 2023, Hrvatska narodna banka huwa soġġett għall-Artikolu 27.1 tal-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew.

(3) Il-mandat tal-awdituri esterni attwali ta' Hrvatska narodna banka, KPMG Croatia d.o.o., ser jintemm wara l-awditu għas-sena finanzjarja 2024.

(4) Għaldaqstant, il-Kunsill Governattiv tal-BĊE rrakkomanda li l-Kunsill japprova l-awdituri attwali, KPMG Croatia d.o.o., bħala l-awdituri esterni ta' Hrvatska narodna banka għas-snin finanzjarji 2023 u 2024.

(5) B'segwitu għar-rakkomandazzjoni tal-Kunsill Governattiv tal-BĊE, jenħtieġ li d-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/70/KE ([2]) tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-paragrafu li ġej jinżdied mal-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni 1999/70/KE:

"20. KPMG Croatia d.o.o. huma b'dan approvati bħala l-awdituri esterni ta' Hrvatska narodna banka għas-snin finanzjarji 2023 u 2024.".

([1]) ĠU C 93, 13.3.2023, p. 1.

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/70/KE tal-25 ta' Jannar 1999 dwar l-awdituri esterni tal-banek ċentrali nazzjonali (ĠU L 22, 29.1.1999, p. 69).

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha ssir effettiva fid-data tan-notifika tagħha.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Bank Ċentrali Ewropew.

Magħmul fil-Lussemburgu, il-25 ta' April 2023.

Għall-Kunsill
Il-President
P. KULLGREN